**15 ta' Diċembru, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino, B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Alfred Gatt għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Galdes & Mamo Ltd. u din bħala aġenti lokali tas-soċjetà assikuratiċi estera Royal Insurance (Int.) Ltd. surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat tagħha s-soċjetà Mill Masters Ltd.

*versus*

Godwin Abela u Lawrence Lautier bħala diretturi u in rappreżentanza tal-kumpannija The Cargo Handling Co. Ltd;
Chev. Silvio Mifsud u Adrian Mifsud bħala diretturi u in rappreżentanza tas-soċjetà S. Mifsud & Sons Ltd. u dina bħala aġenti Malta ta' l-armaturi tal-vapur Neptune Trident

**Assikurazzjoni - Danni - Risarċiment ta' - Nuqqasijiet fi Transport Marittimu**

*L-attur assikuratur surrogat aġixxa għal kundanna ħlas ta' nuqqasijiet fil-merkanzija. Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti li sabet wieħed mill-konvenuti responsabbli għal tali nuqqasijiet.*

*Il-Qorti ta' l-Appell irraffermat illi bħala regola l-istess Qorti ta' l-Appell bħala Qorti ta' reviżjoni ma tiddisturbax l-apprezzament li tkun għamlet l-Ewwel Qorti dwar il-provi akkwiżiti fil-proċess ħlief biex tikkoreġi xi inġustizzja manifesta.*

Il-Qorti:-

Dan huwa appell intavolat mis-soċjetà The Cargo Handling Co. Ltd. li ħassitha aggravata bis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ mogħtija fl-14 ta' Jannar, 1994 li sejra tiġi riportata hawn:

"Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur *nomine* ppremetta:

Illi s-soċjetà Mill Masters Ltd. importat mill-Greċja mitejn u ħamsa u tmenin (285) *reels* jew *rolls* ta' *tissue paper* kif jirriżulta mill-polza tal-kariku, dokument A, li turi li dawn ġew trasportati Malta fuq il-vapur Neptune Trident;

Illi meta l-merkanzija ġiet skarikata Malta f'idejn il-kumpannija kontrattriċi tal-port ċjoè l-kumpannija The Cargo Handling Co. Ltd., li mbagħad ikkonsenjat il-merkanzija lill-importatur, irriżulta li kien hemm ħsara li sebgħa u tmenin (87) *reels* u li porzjoni (sittin fil-mija) ta' dawn is-87 *reels* kellha titneħħa u tiġi distrutta, kif ġie rapportat fis-*survey*, dokument B;

Illi għal din il-ħsara l-assikurazzjoni kienet obbligata tħallas is-somma ta' elfejn, disa' mija u ħamsa u ħamsin lira (Lm2,955) lill-importatur u għalhekk ġiet surrogata fid-drittijiet ta' l-istess importatur (dokument D);

Illi l-konvenuti *nomine* jew min minnhom huma responsabbli għal ħsara fuq indikata;

Talab li l-konvenuti *nomine* jew min minnhom għar-raġunijiet fuq premessi:

Jiġu ddikjarati responsabbli għal nuqqas indikat;

Jiġu kkundannati minn din il-Qorti jħallsu lill-attur *nomine* s-somma ta' Lm2,955 bl-interessi skond il-liġi bħala danni sofferti mill-assigurat u surrogati lill-attur *nomine*;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-lista tax-xhieda ta' l-attur *nomine*;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti Godwin Abela u Lawrence Lautier *nomine* fil-kwalità tagħhom premessa, li biha eċċepew:

"Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenuti *nomine* kkonsenjaw il-merkanzija u qdew il-funzjonijiet tagħhom bid-diliġenza kollha rikjesta mil-liġi;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri";

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-lista tax-xhieda ta' l-imsemmijin konvenuti *nomine*;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti Mifsud *nomine* li biha eċċepew:

"Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante illi l-esponenti *nomine* mhumiex responsabbli għall-allegati danni sofferti mill-assigurat ta' l-attur *nomine* u dana kif sejjer jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża. Infatti l-merkanzija in kwistjoni niżlet minn abbord fil-kondizzjoni li tgħabbiet u dan skond il-*joint tally* tal-konvenut;

Salvi eċċezzjonijiet oħra";

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-lista tax-xhieda ta' l-istess konvenut Mifsud *nomine*;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża;

Ittrattat;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi akkwiżiti jirriżulta li l-merkanzija in kwistjoni tniżżlet minn abbord mingħajr rimarki, jiġifieri, mingħajr nuqqasijiet jew ħsarat, u kwindi s-soċjetà konvenuta, S. Mifsud & Sons Ltd., bħala aġent ta' l-armaturi tal-vapur "Neptune Trident" mhix responsabbli għad-danni kkaġunati fil-merkanzija;

Irriżulta li s-soċjetà konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. hija responsabbli għall-ħsara f'seba' u sittin (67) *reel* u mhux f'87 *reel* kif mitlub fiċ-ċitazzjoni. Illi għalkemm id-dokument AA4 a fol. 8 jiddeskrivi l-ħsara bħala *slight*, irriżulta li meta r-*reels* infetħu u ġew eżaminati bid-dettal, il-ħsara rriżulta li kienet ta' entità kbira u mhix *slight*;

Illi, għar-raġunijiet validi sottomessi mill-attur *nomine* fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu a rigward tal-*quantum* (ara fol. 59-60) l-ammont li għandu jiġi likwidat bħala dak dovut għal 67 *reel* huwa ta' elfejn, sitt mija u tnejn u erbgħin lira Maltija u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (Lm2,642.54,0):

Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet in kwantu diretti kontra s-soċjetà konvenuta S. Mifsud & Sons Ltd. fil-kwalità tagħha premessa u billi tiddikjara lis-soċjetà konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. responsabbli in parti għall-ħsara ikkaġunata fil-merkanzija in kwistjoni u tikkundanna lill-istess soċjetà konvenuta tħallas lill-attur *nomine* is-somma ta' Lm2,642.54,0 hawn fuq likwidata in linea ta' danni;

L-ispejjeż, kompriżi dawk tas-soċjetà konvenuta S. Mifsud

& Sons Ltd., għandhom jiġu sopportati mis-soċjetà attriċi u mis-soċjetà konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd., skond ir-rispettiva vittorja u sokkombenza";

L-appellant qiegħed jitlob, għar-raġunijiet imniżżla fil-petizzjoni ta' l-appell tiegħu li dina l-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi ta' l-14 ta' Jannar, 1994 u dan billi tiċħad it-talbiet attriċi fil-konfront ta' l-appellanti *nomine*, u minflok tilqa' l-eċċezzjonijiet ta' l-appellanti *nomine*, u tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Silvio u Adrian Mifsud *nomine*, bl-ispejjeż *taż-żewġ istanzi kontra l-*attur *nomine* u l-konvenuti l-oħra;

Is-soċjetà S. Mifsud & Sons Ltd. opponiet l-appell billi s-sentenza appellata kienet ġusta u timmerita konferma. Din is-soċjetà appellata rrimarkat li l-attur ma appellax mis-sentenza in kwistjoni u għalhekk is-soċjetà S. Mifsud & Sons Ltd. tinsab meħlusa minn kull responsabbilità fil-konfront ta' l-attur. Inoltre, l-appell tas-soċjetà The Cargo Handling Co. Ltd. ma jistax jaffettwa bl-ebda mod lis-soċjetà l-oħra konvenut li talbet li l-appell in kwistjoni, in kwantu jirreferixxi għas-soċjetà S. Mifsud & Sons Ltd. għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż;

Is-soċjetà attriċi appellata ukoll opponiet l-appell interpost billi ssottomettiet li s-sentenza appellata kienet ġusta u timmerita konferma;

Illi l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanti huwa li l-Ewwel Qorti injorat kompletament il-provi li l-istess soċjetà ressqet dwar il-kwistjoni tar-responsabbilità għall-ħsara fil-merkanzija in kwistjoni;

Illi bħala regola din il-Qorti ta' reviżjoni ma tiddisturbax l-apprezzament li l-Ewwel Qorti tkun għamlet dwar il-provi

akkwiżiti fil-proċess ħlief biex tikkoreġi xi inġustizzja manifesta;

Il-Qorti eżaminat akkuratament il-provi u mhux biss ma ssibx li saret xi inġustizzja mas-soċjetà appellanti, talli din il-Qorti tikkondividi kompletament il-konklużjoni ta' l-Ewwel Qorti dwar il-kwistjoni tar-responsabbilità għall-ħsara riskontrata fil-merkanzija. Huwa veru li l-Ewwel Qorti setgħet immotivat aħjar il-konklużjoni tagħha. Dik il-Qorti setgħet tagħmel referenza għall-konflitt fil-provi li kien hemm u setgħet qalet għaliex eżattament skartat versjoni u aċċettat l-oħra. Però, dan in-nuqqas mhux wieħed verament ta' sustanza għaliex, kif diġà intqal, il-motivazzjoni lakonika fis-sentenza hija appena suffiċjenti biex tiġġustifika l-konklużjoni raġġunta;

Infatti, il-kwistjoni prinċipali bejn il-kontendenti kienet tirrisali għall-konflitt flagranti bejn il-*joint tally sheets* ippreżentati a fol. 36 u 37 mis-soċjetà appellanti u a fol. 86 u 87 mis-soċjetà l-oħra konvenuta nonostante li ż-żewġ *sets* huma ffirmati mill-istess persuni Raymond Powney, *tally clerk* ma' S. Mifsud & Sons Ltd. u Emanuel Mallia, *tally clerk* tas-soċjeta' appellanti;

It-*tally sheets* esebiti minn din is-soċjetà fihom ir-rimarki li 9 *reels* kienu *damaged* u 4 *reels* kienu *landed torn*. Mill-banda l-oħra, it-*tally sheets* esebiti mis-soċjetà konvenuta appellata ma jindikawx li r-*reels* kellhom xi ħsara meta tniżżlu minn fuq il-vapur;

Issa ż-żewġ *tally clerks* imsemmija meta xhedu, it-tnejn ippruvaw jagħtu spjegazzjoni ta' din id-diskrepanza lampanti. Emanuel Mallia eskluda li r-rimarki fuq it-*tally sheets* tiegħu tniżżlu wara li Powney kien iffirmahom. Mallia xhed inoltre, hekk a fol. 93:

"Jista' jkun li jiena niffirma fuq it-*tally sheet* minghajr rimarki fuqha billi jiena lit-*tally clerk* ta' l-aġent tal-vapur nghidlu biex jiftakar illi hemm nuqqasijiet u l-ħsarat u huwa jgħidli illi kien ser jagħmilhom wara. Jista' mbagħad jagħti l-każ illi dina toħroġlu minn moħħu u ma jniżżilhomx";

Din hija spjegazzjoni dgħajfa ħafna u l-ipotesi li l-affarijiet kellhom isiru hekk, allura l-iskop kollu ta' l-ittaljar li jsir man mano li merkanzija titniżżel minn abboard, kważi kważi jintilef u jisfuma fix-xejn;

Mill-banda l-oħra, l-ispjegazzjoni li offra x-xhud Powney hi ferm aktar kredibbli u plawsibbli. Hu spjega li l-ittaljar kien qiegħed jagħmlu fuq ix-xatt, viċin ħafna tal-vapur li minn fuqu kienet qiegħda tiġi skarikata l-merkanzija. Jgħid li kien biss xi tletin pied 'il bogħod mill-vapur. Qal ukoll li t-*tally clerks* tal-Cargo Handling ma kinux ħdejh, iżda kienu ferm aktar il-bogħod, eżattament taħt it-tinda, billi l-karta ma tinħażinx taħta. Dak li xehed Powney f'dan ir-rigward ġie kkonfermat mix-xhud Mallia (ara fol. 92). Issa biex ir-*reels* twasslu minn ħdejn il-vapur sa taħt it-tinda intużaw *fork lifts* taħt il-kontroll tal-Cargo Handling. Mill-provi li tressqu irriżulta li l-ħsara li ġiet kaġonata lill-merkanzija kienet tikkonsisti f'tiċriti kbar fir-*reels* bil-furketta tal-*fork lifter* (ara fol. 2 u fol. 40). Isegwi li hija ħaġa verosimili ħafna li l-ħsara ma ġietx notata minn Powney għaliex fil-mument li kien qiegħed jittalja l-merkanzija tniżżlet minn abbord bla ħsara. Il-ħsara (jew aħjar parti minnha) saret eżattament meta l-merkanzija, l-istess merkanzija, inġarret bil-*fork lifter* tal-Cargo Handling minn ħdejn il-vapur sa ġewwa t-tinda. Imbagħad, meta l-merkanzija tniżżlet minn fuq il-*fork lifter* fit-tinda, it-*tally clerks* tal-Cargo Handling, li kienu hemm, korrettement innotaw il-ħsara li saret bil-*forklifter* u nnotawha fuq it-*tally sheet* tagħhom;

Konsegwentement, din *il-Qorti hi sodisfatta li l-ħsara li* tirriżulta mit-*tally sheets* tal-Cargo Handling ġrat meta l-merkanzija kienet diġà taħt il-kustodja tal-Cargo Handling u għalhekk din is-soċjetà appellanti hija responsabbli għar-riżarċiment tad-danni relattivi. Fil-fatt, irriżulta mill-Cargo *receipt* (a fol. 38) li ġew danneġġjati numru akbar ta' *reels*, waqt li dawn kienu taħt il-kustodja ta' din is-soċjetà. Għalhekk il-kwantifikazzjoni tar-*reels* danneġġjati *li* għamlet *l-Ewwel* Qorti tidher li hija korretta. Isegwi għalhekk li l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanti mhuwiex fondat;

It-tieni aggravju ġie spjegat hekk fil-petizzjoni ta' l-appell:

"Mit-*tally sheets* kollha jirriżulta li tali merkanzija kollha lanqas kienet "immarkata" tant li fuq it-*tally sheets* jidher li tali merkanzija kienet *no Mark* meta allura *ai termini* ta' l-artikolu 39 tar-Regolamenti tal-Port, 1966, is-soċjetà appellanti hija *ex lege* meħlusa minn kull responsabbilità u mhux responsabbli għall-allegata ħsara u dan ukoll *ai termini* tal-*Port Ordinance*, Kap. 170, artikolu 6 (3) (A) (ii) u (vi)";

Illi din l-eċċezzjoni ma tqajmitx mill-appellant quddiem l-Ewwel Qorti u ovvjament ma tistax titqajjem issa quddiem din il-Qorti ta' Reviżjoni billi l-liġi proċedurali ma tippermettiehx. Għal kompletezza jiżdied jingħad li l-ilment tas-soċjetà appellanti ma jagħmel ebda sens fil-prattika billi rriżulta li minn fuq il-vapur in kwistjoni tniżżlu ir-*reels* kollha destinati għall-importatur in kwistjoni u dawn kollha irċevihom (għalkemm uħud minnhom irċevihom bil-ħsara). Għalhekk in-nuqqas tal-marki f'dan il-każ, assolutament ma jinċidi xejn fuq il-kwistjoni tar-responsabbilità għall-ħsara meritu tal-kawża;

L-aħħar ilment tas-soċjetà appellanti jikkonċerna l-likwidazzjoni tad-danni li għamlet l-Ewwel Qorti. Fil-petizzjoni

intqal hekk:

"*Illi s-survey li sar huwa inammissibbli għax ex parte* u sar fil-*warehouse* ta' l-importatur fis-16 ta' Novembru, 1988 - u dan meta parti kbira mill-merkanzija kienet ġiet irtirata fil-11 ta' Novembru, 1988;

Tali merkanzija, wara li ġiet ikkonsenjata mis-soċjetà appellanti, kienet mogħtija lill-burdnar u inħattet fil-*warehouse* ta' l-importatur. Mill-Gate Pass Out jirriżulta li kien hemm 15, 21 *reels* fil-11/11/1988 *slightly torn*, u fis-17/11/1988 *reels slightly torn* u 24 *reels damaged* u dawn huma ben differenti mill-ammonti rikjamati mill-attur *nomine*;

Illi l-Qorti tinnota li l-Ewwel Qorti akkollat responsabbilità għas-soċjetà appellanti għal sebgħa u sittin (67) *reels* biss *u mhux għal sebgħa u tmenin (87) reels kif* oriġinarjament ippretenda l-attur a bażi tas-*survey report* esebit maċ-ċitazzjoni. Dana billi anke biex ir-*reels* ittieħdu fil-maħżen ta' l-importatur ġew użati *fork lifts* u allura ma kienx eskluż li l-ħsara fl-għoxrin (20) *reel* addizzjonali setgħet saret minn nies *imqabbdin mill-importatur;*

Infatti, fin-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-attur (a fol. 37 *et seq* tal-proċess) dan il-fatt ġie aċċettat. Inoltre, f'din in-nota l-attur irriduċa t-talba tiegħu u llikwida d-danni li kien qed jippretendi wara li nġabru ċerti provi. Il-Qorti tinnota li fil-proċess ma hemm ebda kumment jew osservazzjoni tas-soċjetà appellanti dwar il-likwidazzjoni tad-danni magħmula mill-attur bl-imsemmija nota, u l-kontestazzjoni kienet tidher dejjem li qiegħda ssir dwar il-kwistjoni tar-responsabbilità. L-istess likwidazzjoni ġiet aċċettata mill-Ewwel Qorti;

F'dawn iċ-ċirkostanzi, jidher li l-Ewwel Qorti mxiet

sewwa u din il-Qorti ma thossx li ghandha raġuni valida biex tiddisturba l-apprezzament u l-likwidazzjoni tad-danni li ghamlet l-Ewwel Qorti;

Ghal dawn il-motivi;

L-appell huwa miċhud u s-sentenza appellata hija konfermata;

L-ispejjeż ta' l-ewwel istanza jibqghu kif deċiżi, mentri l-ispejjeż ta' dina l-istanza jiġu kollha sopportati mis-soċjetà appellanti.